# ISSA LI KBIRT

*(Lil waħda Xbejba li nafha Ċkejkna)*

*Ta'* A. C.

IL-LUM li kbirt, meta tħares lejja għadek tidħakli bħal meta kont tifla ċkejkna, b'dik id-daħka li kienet issaħħarni. Kont naqbdek minn idek, u inti terħi lil kulħadd, u saħansitra lil ommiok u lil sħabek li kont tilgħab magħhom, biex tiġi miegħi. Jiena kont nieħdok biex tara ħafna ħwejjeġ sbieħ: il-Luna Park, fejn kont tirkeb fuq 'car' ċkejkna ddur id-dawra tistħajlek qed issuq xi 'car' minn dawk il-kbar itiru bħal vleġeġ mat-toroq, b'idejk iċ-ċkejkna mqabbda mat-timun, jew titla' titbandal ġewwa l-benniena tal-bandla tarak iddur iddur, togħla u tinżel, u inti titbissem u tħares lejja biex turini kemm qed tieħu gost, u jien nitgħaxxaq bik u nieħu sehem fil-gost tiegħek. Xi żmien kien dak għalina t-tnejn! Kif kollox tbiddel għalik u għalija!

Imma l-iktar li kont tiġi miegħi, u mhux int biss imma ħuk iċ-ċkejken ukoll, li dlonk kont tarah jitħajjar jiġi magħna wkoll, meta kien jasal il-jum ta' San Martin, jew żmien il-Milied, jew l-Ewwel tas-Sena. Ma rridx ninsa l-ferħ tiegħek u ta' ħuk meta kontu tarawni mgħobbi idejja t-tnejn bi qratas u boroż ġej għandkom, u, malli tiela' t-taraġ, tiġu inti u ħuk tilqgħuni u teħduli kollox minn idejja, u titilqu tiġru għand id-*daddy* u l-*mammy* kollkom ferħanin turuhom dawk il-qratas u boroż mimlijin bil-ġellewż, lewż, tin, laring u ħbejżiet u tifirxuhom fuq il-mejda, idduru magħhom u titgħaxxqu bihom. Kemm dik il-qalb ċkejkna kienet dak iż-żmien timtela b'hena u ferħ bixxejn, li l-lum inti u ħuk l-inqas ħsieb tagħhom!

Jasal żmien il-Milied. Ħuk medhi bil-presepju li kont bnejtlu jdaħħal it-tfal sħabu jaraw id-dwal ifeġġu mill-irkejjen tal-blat u minn ġewwa l-għar fejn hemm il-Bambin bil-Madonna u San Ġużepp, bil-baqra u ħmara ħdejh, u r-ragħajja u l-merħla neżlin mill-mogħdija ta' fuq il-blat, u n-nexxijiet ta' l-ilma jleqqu bħal ħjut tal-fidda, u fuq kollox il-qamar jiddi fix-xena b'sema ikħal mimli kwiekeb tal-karti tal-fidda. Il-qamar jiddi bid-dawl ta' daqsxejn ta' xemgħa warajh kienet l-iktar biċċa opra li ħuk kien ferħan u mistagħġeb biha, u li għaliha l-iktar li kien iħajjar lil sħabu jiġu jaraw il-presepju tiegħu.

Imma l-akbar hena tiegħek f'dawk il-granet, u l-iktar fl-Ewwel tas-Sena, kiene. tkun meta kont nieħdok miegħi tara l-gugarelli fil-vetrini tal-ħwienet jew fuq l-imwejjed ta' fuq "Il-Monti". Fl-Ewwel tas-Sena ħuk kien jitħajjar jiġi magħna. It-tnejn tarakom titilqum, tiġru tħarsu lejn il-vetrini tal-ħwienet jew tidħlu dritt ġewwa l-ħwienet biex taraw il-gugarelli. Fil-waqt li inti ma kon.x tfittex b'għajnejk ħlief xi sett tal-għamara, xi sett tal-kċina jew xi pupa, għajnejn ħuk kienu dlonk jieqfu fuq xi ajruplan, xi ferrovija, xi *motor car* jew xi kaxxa suldati taċ-ċomb, imbagħad inti u ħuk tħarsu b'għajnejn ta' ħniena lejja, tistennew nistaqsikom x'inhu li tixtiequ nixtrilkom... u jien inħares lejkom biex nisirqilkom minn għajnejkom ix-xewqa tagħkom li qatt ma kien jirnexxili nkun naf sewwa, għax daqqa turuni ħaġa u daqqa ħaġ'oħra...... sakemm, wara ħafna mistoqsijiet li nagħmel lilek u lil ħuk, inti turini b'sebgħek daqsxejn ta' pupa, wiċċha mfaqqgħa, b'par wardiet ħomor nar, b'xuftejn lewn il-qroll u b'par għajnejn kbar jinfetħu u jingħalqu, fil-waqt li ħuk jurini b'sebgħu daqsxejn ta' ċine...... Imbagħad erħilkom inti u ħuk, ferħanin ferħanin, sejrin lura miegħi, iġġorru dawk ir-rigali ta' l-Ewwel tas-Sena (dik il-ħabta l-Ewwel tas-Sena kienet għadha fl-aqwa tagħha d-drawwa ta' l-istrejjen tat-tfal).

Iżda kemm kontu ddumu tifirħu bihom dawk ir-rigali? — ġimgħa, ġimgħatejn, xahar, u l-iktar xahrejn...... imbagħad, bħalma jiġri dejjem, il-qalb tat-tfal tibred bħal tagħna l-kbar, u maż-żmien bdejtu tixtiequ ħwejjeġ ġodda li jgħoddu għall-istaġun ta' ħajjitkom. Hekk hija l-ħajja. Kollha mimlija b'xewqat imżewqa. Intom dawk il-gugarelli, wara żmien xbajtu minnhom......, kissirtuhom jew xħettuhom f'rokna. Aħna wkoll xi mindaqqiet nagħmlu wara xi ħaġa, u wara żmien nixbgħu minnha...... u nixtiequ ħaġ'oħra. Il-qalb tal-bniedem qatt ma tista' timtela, tagħtiha x'tagħtiha qatt ma tħoss ruħha xebgħana...... dejjem tħossha vojta.

Issa li kbirtu t-tnejn xejn ma tixtiequ ħwejjeġ bħal dawn. Inti, Tereżina, ma għadekx tixtieq il-pupa, iżda naħseb jien li jkun jogħġbok iktar xi fizzjalett kollu spalletti u glalen taddeheb, jew xi ġuvnott pulit pulit, fuq ruħu, li jħobb iż-żfin, il-*tennis* u l-*picnics*, jew xi student ta' din ix-xeħta; mill-banda l-oħra, ħuk Toninu, mhux sa joqgħod jedha iżjed bil-makna ċkejkna taċ-ċine, u lanqas jieħu sehem miegħek, fil-logħob u,

ħok dik il-pupa li kellek u li kien iħobb jaraha f'ħoġrok u jitgħaxxaq biha, għax jistħajjilha oħtu ċ-ċkejkna, tiftaħ u tagħlaq għajnejha, il-lum jitħajjar iktarx iħares lejn xi pupa oħra, li mhux biss tiftaħ u tagħlaq għajnejha, imma pupa li timxi u titkellem miegħu, tħares lejh bid-daħka, taqbdu labranzetta, u tneffqu l-flus.

Hekk sejra d-dinja, Tereżina għażiża tiegħi. Il-lum li kbirt dana tarah bħali. Nixtiequ, nitħabtu biex niksbu dak kollu li nixtiequ, u, wara li nkunu ksibnieh minn jaf b'kemm taqtigħ ta' qalb, arana nixbgħu minnu, u aktar ma nikbru fiż-żmien il-qalb tibred għal ħafna affarijiet li konna ngħożżu meta konna għadna ċkejknin, u li l-lum narawhom frugħa, u xejn iżjed ħiief bluha. Qalbna, skond iż-żmien li fih ngħixu, dejjem tixtieq ħwejjeġ oħra biex ngħixu aħjar fil-hena li, wara kollox, id-dinja ma tista' tagħtina qatt, l-iktar meta dawn il-ħwejjeġ imissu aktar lill-ġisem milli lir-ruħ. L-iktar hena li nsibu fl-imħabba tal-familja, u l-iktar tat-tfal innoċenti, bħalma kont u inti u ħuk, meta kontu ċkejknin, u li għalikom, missierek u ommok, għexu mill-ġdid sakemm rabbewkom, u raw li intom il-lum tistgħu tifhmu xi ftit bħalhom minn dak li jinħtieġ biex tgħix fil-paċi, fil-hena tar-ruħ, b'dik id-daħka ħelwa u innoċenti li b'riħet it-trobbija tajba baqgħet fuq fommkom...

Hekk sejra d-dinja. Inti u ħuk kbirtu, u iktar mi tikbru iktar tibdew tifhmu għaliex jien, meta kontu ċkejknin, kont inħobb infittex lilkom u nedha magħkom... fil-logħob... f'dak kollu li kienet il-ġenna tagħkom f'dak iż-żerniq sabiħ ta' ħajjitkom... Inti, Tereżina, bqajt hekk tħares lejja... b'dik it-tbissima li jiena biss nifhem għaliex ma tbiddlet qatt minn dak iż-żmien ta' meta kont ċkejkna... Il-lum tifhimni iżjed, u tifhem x'kienet l-hena tiegħi meta kont nieħdok il-Luna Park, nixtrilek il-ġellewż ta' San Martin, u l-pupa fl-Ewwel tas-Sena, il-figolla tal-Għid......... tifhem x'kien il-gost tiegħek u tiegħi... il-lum li kbirt u sirtli xebba ġmielek. Ibqa' għożż dak iż-żmien, Tereżina, ta' qalbi... ibqa' f'akar, għalkemm dak iż-żmien ma kontx tifhem sewwa, meta inti biex naqtagħlek xewqtek kont tħares lejja... b'għajnejk imberrqa...... u jien inħares lejk, nitgħaxxaq b'dik il-ħarsa ċassa li kienet bla kliem tgħidli dak li tixtieq qalbek........ u jien ngħannqek u nagħtik bewsa u bid-daħka ngħidlek: Iva, Tereżin, ta' qalbi, nagħtik... nagħtik kulma tixtieq!

A. Cremona